Qorti Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Att t'Akkuza numru 20/2013

Ir-Repubblika ta' Malta

Vs

Andrea Marcozzi

Illum 15 ta' Frar 2022

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 20 tas-sena 2013 migjuba fil-konfront tal-akkuzat Andrea Marcozzi, detentur tal-passaport Taljan numru AA5140657 fejn l-Avukat Generali fl-Ewwel Kap ipremetta:

Illi fid-disgħa (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011) l-akkużat ANDREA MARCOZZI (minn hawn 'il quddiem magħruf bħala '*l-akkużat*'), iddeċieda li jirrikorri ghall-assistenza medika fl-isptar St. James ġewwa tas-Sliema u dana minħabba problemi intestinali. Illi minn *x-rays* illi saru fuq l-istess akkużat ġie stabillit illi l-akkużat kellu numru sostanzjali ta' *foreign bodies* fl-istonku tiegħu suspettati li kienu jikkontjenu droga illegali f'pajjizna. B'hekk il-pulizija giet infurmata b'dan bil-ghan illi jibdew l-investigazzjonijiet relattivi. In segwitu ghal dan il-pulizija ghamlet tfittxija fil-kamra numru mija u erbgħa (104) fil-lukanda '115, The Strand Aparthotel' gewwa il-Gzira, fejn kien qieghed jirrisjedi l-akkuzat, fejn fost affarijiet oħra instabu tmintax (18)-il kapsola. Sadanatant, l-akkużat ġie trasferiet lejn l-isptar *Mater Dei* fejn huwa rnexxielu jghaddi tmienja u erbgħin (48) kapsola ohra. Mill-eżamijiet li saru minn

esperti maħtura mill-Maġistrat Inkwirenti fuq dawn l-imsemmija kapsoli, li kumplessivament jammontaw ghal sitta u sittin (66) kapsola (il-"kapsoli"), irriżulta li kien fihom id-droga kokajina f'ammont nett ta' sitt mija tmienja u ħamsin punt wieħed u disgħin (658.91) gramma b'purita` ta' madwar tmienja u għoxrin fil-mija (28%).

Mill-investigazzjonijiet tal-pulizija irrizulta illi fid-disgħa (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011), u fil-ġimgħat u xhur ta' qabel, ANDREA MARCOZZI, wara li kien ilu madwar sena jgħix f'Madrid fi Spanja u wara li kien ilu mis-sbatax (17) t'April tas-sena elfejn u ħdax (2011) bla xogħol, iddeċieda illi jassoċja ruħu ma nies oħrajn sabiex jimporta, jmexxi u jittraffika d-droga kokajina f'Malta.

Fil-fatt wara li ltaqa ma persuni nvoluti sew fic-cirku tat-traffikar tad-droga gewwa Madrid fi Spanja, l-qua akkuzat Andrea Marcozzi ha mobile tal-marka 'Nokia' li offrewlu dawn il-persuni bil-ghan illi jkun jistgha jikkomunika ma dak il-persuna li kien ha jghaddielu d-droga. Fil-fatt fuq dan il-mobile l-akkuzat irċieva telefonata mingħand persuna maskili li l-identita' tagħha mhijiex magħrufa permezz ta' liema ftehmu fejn kellhom jiltaqu. Illi hekk kif miftiehem, l-akkużat ltaqa ma dan ir-raġel f'Madrid fejn ippjanaw kif l-istess akkużat kellu jdaħħal id-droga kokajina f'Malta u cioe' billi jinġerixxi il-kapsoli bl-imsemmija droga (fejn kull kapsola kienet tikkontjeni bejn wieħed u ieħor għaxar (10) grammi droga kokajina) u sussegwentament jaqbad titjira għal Malta. Ftehmu ukoll illi sakemm idum Malta l-akkużat kellu jirrisjedi fil-lukanda '115, The Strand Aparthotel' u li mal-wasla tieghu f'Malta kellu jċempel numru cellulari partikolari bil-għan illi jingħata iktar dettalji ta' kif kienet ser isir il-konsenja tal-istess kapsoli lill-persuna f'Malta.

Illi in ezekuzzjoni ta' dan il-pjan mahsub minn qabel, l-akkużat belgħa l-imsemmija kapsoli li kien għaddielu f'pakket il-persuna mhux magħrufa u qabad titjira lejn Malta. Mal-wasla tiegħu f'Malta, hekk kif miftiehem ukoll, l-akkużat iltaqa ma persuna (li l-identita' tagħha lanqas ma hi magħrufa) fejn ftehmu dwar kif l-akkuzat kellu jgħaddielu l-kapsoli li kien qed iġorr fih, partikolarment dwar is-sinjal li kellu

jaghmel mal-gallarija tal-kamra fejn kien qed jirrisjedi biex jinfurmah illi huwa kien ghadda l-kapsoli kollha li kien inġerixxa f'Madrid.

Għaldaqstant, hekk kif spjegat fid-dettal hawn fuq, jirriżulta illi l-akkużat daħal fi ftehiem ma nies oħrajn bil-għan illi jimporta droga kokajina f'Malta u dana billi jinġerixxi ammont sostanzjali ta' kapsoli u cioe' sitta u sittin (66) kapsola li fihom kien hemm maħzuna d-droga kokajina f'ammont nett ta' sitt mija tmienja u ħamsin punt wieħed u disgħin (658.91) gramma b'purita ta' madwar tmienja u għoxrin fil-mija (28%). Ghal dan il-ghan, l-akkuzat ftiehem u pjana ma persuna jew persuni ohra r-rotta li kellu jaqbad biex jigi Malta kif ukoll x'kellu jaghmel mal-wasla tieghu f'Malta biex l-imsemmija droga tigi mghoddija lil terzi peruni ai fini ta' traffikar gewwa l-gzejjer Maltin. Għas-servizz tiegħu, li jżomm, jimporta u jforni d-droga kokajina hawn fuq imsemmija l-akkużat kellu jitħallas is-somma ta' elfejn u ħames mitt Ewro (€ 2500) u dana dejjem mingħand il-persuna hawn Malta li lilha kien ser jikkonsenja din id-droga.

Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi ghaldaqstant b'għemilu, l-akkużat sar ħati talli assoċja ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jittraffika mediċina f'Malta (kokajina) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti, ċirkostanzi, lok u żminijiet aktar 'il fuq imsemmija f'dan l-att t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi ANDREA MARCOZZI talli fid-disgħa (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011) u fil-ġimgħat u x-xhur preċedenti, assoċja ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jittraffika mediċina f'Malta (kokajina) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni u jitlob illi

jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Ewro sebgħa u tletin ċenteżmi (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf erba' mija tmienja u sittin Ewro sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(7) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u fl-artikoli 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għal-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Illi l-Avukat Generali fit-Tieni Kap ipremetta:

Illi fil-kuntest ta' ċirkostanzi u żmien imsemmi fl-ewwel kap ta' dan l-att t'akkuża u ċioe' fid-disgħa (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011) u fil-ġimgħat u xhur preċedenti waqt li kien f'Madrid, Spanja, l-akkużat iltaqa ma' persuna u/jew persuni u bejniethom ftehemu li l-akkużat kellu jimporta illegalment f'Malta kwantità tad-droga kokajina sabiex din tiġi mibjugħa u ttrafikata f'Malta.

Di fatti huma ftehemu li l-akkużat kellu jigi lejn Malta wara li jkun inġerixxa ammont ta' sitta u sittin (66) kapsola mimlija bid-droga kokajina. In eżekuzzjoni ta' dan il-pjan tagħhom, fis-sebgha (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011), l-akkużat telaq minn Madrid, Spanja wara li kien inġerixxa l-kapsoli tad-droga hawn fuq imsemmija fl-intern tiegħu u rikeb l-ajruplan lejn Malta minn Madrid, fuq it-titjira FR5382. Dan l-ajruplan wasal Malta, u l-akkużat niżel l-art, u b'hekk l-akkużat irnexxielu li jimporta konxjament u xjentement fil-Gżejjer Maltin sitta u sittin (66) kapsola mimlija b'sitt

mija, tmienja u ħamsin punt wieħed u disgħin (658,91) gramma ta' droga kokajina b'purita ta' tmienja u għoxrin fil-mija (28%).

Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'għemilu l-imsemmi ANDREA MARCOZZI sar ħati talli importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaga biex tkun tista' tiġi importata mediċina perikoluża (kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u ċioè meta ma kellux awtorizzazzjoni ta' importazzjoni valida.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti, ċirkostanzi, lok u żminijiet hawn fuq imsemmija f'dan il-kap ta' dan l-att t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi ANDREA MARCOZZI talli nhar fid-disgħa (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011) importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa biex tkun tista' tiġi importata mediċina perikoluża (kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u ċioè meta ma kellux awtorizzazzjoni ta' importazzjoni valida u jitlob illi jingħamel skond il-Ligi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundanat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Ewro sebgħa u tletin ċenteżmi (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf erba' mija tmienja u sittin Ewro sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 15A, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(7) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u fl-artikoli 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Illi l-Avukat Generali fit-Tielet u l-Ahhar Kap ipremetta:

Illi fil-kuntest ta' żmien, lok u ċirkostanzi indikati fl-ewwel u fit-tieni kap ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè fid-disgħa (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011) u fil-jiem ta

qabel, l-akkużat ANDREA MARCOZZI, kien xjentement ingerixxa sitta u sittin (66) kapsola mimlija b'sitt mija tmienja u ħamsin punt wieħed u disgħin (658,91) gramma ta' droga kokajina bil-ghan illi l-imsemmija droga tigi importata u traffikata fil-gzejjer Maltin kontra l-ligi u dana dejjem skond il-pjan miftiehem minn qabel bejn l-istess akkuzat u terzi hekk kif spjegat fil-kapi precedenti. B'hekk, l-qua akkuzat ANDREA MARCOZZI mill-wasla tieghu f'Malta sal-mument li fih huwa ghadda kompletament l-imsemmija kapsoli li kien ingerixxa f'Madrid fi Spanja, kellu fil-pussess tieghu, senjatament fl-intern tiegħu, l-imsemmija sitta u sittin (66) kapsola mimlija b'sitt mija tmienja u ħamsin punt wieħed u disgħin (658,91) gramma ta' droga kokajina.

Illi mill-investigazzjoni kondotta mill-pulizija irrizulta illi l-akkuzat Andrea Marcozzi qatt m'abbuza jew uza droga b'mod illegali. Ghaldaqstant, specjalment meta wiehed jikkunsidra ukoll l-ammont konsiderevoli ta' droga kokajina illi nstabet fil-pussess tal-qua akkuzat, jirrizulta b'mod ċar illi din id-droga ma kienetx intiza minn ANDREA MARCOZZI biex jużaha jew jikkonsmaha hu personalment.

Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Għalhekk jirrizulta illi ANDREA MARCOZZI kien fil-pussess konxju ta' dan l-ammont konsiderevoli ta' droga kokajina, liema droga kienet intiża biex tigi kkonsenjata mill-akkużat lil persuna oħra f'Malta sabiex eventwalment tiġi mmexxija u traffikata f'Malta.

Illi, ghaldaqstant, b'għemilu l-imsemmi ANDREA MARCOZZI sar ħati talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939

għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, <u>u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.</u>

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, lok, fatti u żmien hawn fuq imsemmija f'dan il-kap t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi ANDREA MARCOZZI talli fid-disgħa (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011) u fil-jiem ta' qabel kellu fil-pussess konxju tiegħu id-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-licenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, <u>u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-uzu eskluzziv tiegħu</u> u jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundanat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Ewro sebgħa u tletin ċenteżmi (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf erba' mija tmienja u sittin Ewro sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(7) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha proċesswali, inklużi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-Rikors Konġuntiv tal-Avukat Generali u tal-akkużat Andrea Marcozzi, tat-8 ta' Frar 2022, fejn, wara li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodiċi Kriminali talbu li fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużat Andrea Marcozzi għall-akkużi miġjuba kontrih fl-Att ta' Akkuza, il-piena li għandha tiġi inflitta fuqu minn din l-Onorabbli Qorti għandha tkun waħda ta' prigunerija effettiva ghal perjodu ta' sitt (6) snjin u sitt (6) xhur flimkien ma multa ta' sebat elef ewro (€7,000) kif ukoll hlas tal-ispejjez peritali u kwalsiasi sanzjoni u /jew konsegwenza ohra tassattiva ghad-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' htija skond l-akkuza u dana ai termini tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta rispettivament, inkluz il-konfiska wkoll ta' kwalunkwe flejjes u tal-proprjeta' mobbli u mmobbli appartenenti lill-istess akkuzat.

Rat illi waqt is-seduta tallum 15 ta' Frar 2022, l-akkużat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuża wieġeb billi stqarr li huwa kien ħati.

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkużat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-tweġiba u tatu ftit taż-żmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li tagħmel skont l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-akkużat baqa' jtenni t-tweġiba li huwa kien ħati.

Tiddikjara għalhekk lill-ħati Andrea Marcozzi, ħati talli:

1. Talli fid-disgħa (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011) u fil-ġimgħat u x-xhur preċedenti, assoċja ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jittraffika mediċina f'Malta (kokajina) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni u jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat;

2. Talli nhar fid-disgħa (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011) importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa biex tkun tista' tiġi importata mediċina perikoluża (kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u ċioè meta ma kellux awtorizzazzjoni ta' importazzjoni valida u jitlob illi jingħamel skond il-Ligi kontra l-imsemmi akkużat;

3. Talli fid-disgħa (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011) u fil-jiem ta' qabel kellu fil-pussess konxju tiegħu id-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-licenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-uzu eskluzziv tiegħu u jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat.

Qieset li l-ammissjoni saret qabel ma ġie iffurmat il-ġuri, li pero' ma tistax tissejjaħ waħda bikrija għaliex la saret mal-preżentata b'arrest tal-ħati u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni izda sareet quddiem il-Qorti Kriminali proprju qabel ma kien ser jigi appuntat il-guri.

**Ikkunsidrat:**

Illi d-difiza u l-prosekuzzjoni qablu fir-rigward tal-piena li ghandha tinghata lill-hati **Andrea Marcozzi** u cioe' dik imsemmija fin-nota konguntiva taghhom prezentata fl-atti nhar it-8 ta' Frar 2022.

**Ikkunsidrat:**

Ghar-rigward tal-hati Andrea Marcozzi, il-partijiet talbu lil din l-Onorabbli Qorti tapplika l-piena imsemmija fin-nota taghhom.

Rat il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tgħamel ammissjoni bikrija senjatament "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[1]"; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**[2]" "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[3]" (kif ukoll il BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (Blackstone Press Limited 2001 edit);

Illi din il-Qorti thoss li allura f'dan il-kaz partikolari ghandha taderixxi ghat-talba konguntiva maghmula fit-8 ta' Frar 2022 u ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli 198, 201, 202(g)(h) paragrafu (v), 17, 18, 31, 197(4), 203(1)(c)(2)(3)(b), 204C(1), 208AC(1)(b)(d)(2)(a), 202(h) paragrafu (v), 382A, 383, 384, 385, 412C u 533 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lil hati Andrea Marcozzi ghal piena ta' prigunerija effettiva ghal-perjodu ta' sitt (6) snin u sitt (6) xhur flimkien ma multa ta' sebat elef ewro (€7,000).

Tikkundanna wkoll lil hati l-ispejjez rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process fl-ammont ta' elf u sitta u tmenin ewro u tmienja u sittin centezmu (€1086.68), u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali

Jekk l-ispejjez tal-perizja ma jithallsux fi zmien xaghrein minn meta jigi hekk mitlub mid-Direttur tal-Qorti Kriminali jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skont il-ligi.

---

[1] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhr l-24 ta' Frar 1997
[2] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Lulju 2002
[3] Deciz mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar is-17 ta Lulju 2002

Il-Qorti tordna li kopja ta din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex jiehu hsieb jigbior il-multa inflitta u l-ispejjez tal-esperti nominati f'din il-kawza.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur